MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 374/2010

**Gutenberg Press Limited (C-8936)**
**Vs**
**Omar Chalbi (I.D. Nru. 250689M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Ottubru 2010 permezz ta' liema titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt elef mitejn u tmienja u erbghin Euro (€6,248) rapprezentanti prezz ta' stampar moghti lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa' ma thallasx, bl-imghaxijiet fuq is-somma kapitali kalkolati mid-data tal-fatturi relattivi, bl-oghla rati permessi mil-ligi. Nonostante l-fatt li l-konvenut accetta s-somma dovuta minnu billi ffirma import ta' hames kambjali, annessi mar-Rikors promotur, kif ukoll gie interpellat ihallas diversi drabi, inkluz b'ittra ufficjali datata 2 ta' Dicembru 2009, Dok. "A" annessa mar-Rikors, huwa baqa' inadempjenti u ma hallasx. Is-socjetà attrici titlob ukoll li l-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Dicembru 2009 u tal-

Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors, jibqghu a karigu tal-konvenut.

Rat li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bir-Rikors ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut fis-17 ta' Jannar 2011 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti tar-Rikors u senjatament l-ittra ufficjali datata 2 ta' Dicembru 2009 markata bhala Dok. « A » a fol. 3 tal-process u l-vera kopja tal-kambjali ffirmati mill-konvenut markati bhala Dok. « VGA1 «  a fol. 20 sa' 24 tal-process.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-konvenut naqas milli jirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront tieghu mis-socjetà attrici dan ghandu jitqies bhala mistqarr. In oltre jirrizulta li l-konvenut accetta, billi ffirma ghalihom, il-hrug ta' hames kambjali ghall-import globali ta' €6,248, liema kambjali ghalqu u saru dovuti fl-10 ta' Mejju 2009, fl-10 ta' Gunju 2009, fl-10 ta' Lulju 2009, fl-20 ta' Awissu 2009 u fl-10 ta' Settembru 2009 rispettivament.

Jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' €6,248, oltre l-imghaxijiet legali, hija gustifikata u ghandha tigi miqlugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' sitt elef mitejn u tmienja u erbghin Euro (€6,248), bl-imghaxijiet kif mitluba mis-socjetà attrici. L-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors, jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------